MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 291/2008

**Geoffrey u martu Francesca Warr K.I. Nru 375866(M) u 449764(M) rispettivament**

**Vs**

**Paul Fenech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u disghin Euro (€1,398), sitt mitt lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm600.16c,) rapprezentanti depozitu mhallas fuq ftehim milhuq bejn il-partijiet u datat 22 ta' Gunju, 2007 liema ftehim qatt ma gie ezegwit mill-konvenut, kif ukoll ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disgha u hamsin Euro u ghoxrin centezmu (€559.20) rapprezentanti hlas ta' zewg bibien interni li gew imhallsin mill-atturi izda ma gewx provduti mill-konvenut.

L-atturi ghal konferma tal-fatti; il-konvenut u rapprezentanti tad-ditta Paul Fenech Woodworks in subizzjoni jew ghall-kontroezami, rapprezentanti tas-socjeta' Debonair Properties Limited.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u disghin Euro (€1,398), sitt mitt lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm600.16), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------